Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0239(COD)

12.5.2026

EMENDI
294 - 447

Abbozz ta' rapport
Marit Maij, David Casa
(PE784.181v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0558 – 2025/0239(COD))

Emenda 294
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond*** Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 ***bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR], u b'mod partikolari l-punt (b) u (e) tiegħu***.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-Fond*** Soċjali Ewropew ***(FSE)*** għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034.

Or. en

Emenda 295
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond*** Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 ***bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR], u b'mod partikolari l-punt (b) u (e) tiegħu***.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-Fond*** Soċjali Ewropew ***(FSE)*** għall-perjoduta' programmazzjoni 2028-2034 ***3***.

Or. en

Emenda 296
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 ***bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR], u b'mod partikolari l-punt (b) u (e) tiegħu***.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034.

Or. fr

Emenda 297
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Definizzjonijiet
	1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser apprendiment fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluża l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni

għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali u li tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' apprendiment flessibbli;

(2) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni, inklużi persuni apolidi u persuni b'nazzjonalità mhux determinata;

(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa u materjal tal-iskola;

(4) "grupp f'pożizzjoni żvantaġġata" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, inklużi persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, fi kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali tiegħu, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva, jiġifieri, il-litteriżmu; il-multilingwiżmu; il-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti u l-inġinerija; il-ħiliet diġitali; il-ħiliet fil-media; il-ħiliet personali, soċjali u tal-apprendiment dwar kif titgħallem; il-ħiliet fiċ-ċittadinanza attiva; l-intraprenditorija; il-kuxjenza u l-espressjoni kulturali u interkulturali; u l-ħsieb kritiku;

(6) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni, inklużi tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar u dawk li jgħixu fl-aktar sitwazzjonijiet estremi ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni, li l-bżonn tagħhom tal-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-

awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(7) "kundizzjonalità soċjali" tfisser rispett sħiħ għad-drittijiet u għall-prerogattivi tal-ħaddiema kif minquxa fil-dritt tal-Unjoni, nazzjonali u rilevanti ieħor u fi ftehimiet kollettivi applikabbli bħala kundizzjonalità biex jinkiseb finanzjament pubbliku;

(8) "innovazzjoni soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-għanijiet kif ukoll tal-mezzi tagħha, b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li tikkonċerna prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà u tixpruna l-kapaċità tagħha li taġixxi;

(9) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser attività pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-riferimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit ta' unità domestika;

(10) "esperimentazzjoni soċjali" tfisser intervent ta' politika li għandu l-għan li jipprovdi rispons innovattiv għall-ħtiġijiet soċjali, implimentat fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tiegħu jitkejjel, qabel ma jiġi implimentat f'kuntesti oħra inklużi dawk ġeografiċi u settorjali, jew implimentat fuq skala akbar, jekk ir-riżultati juru li huma

pożittivi;

(11) "sħubija transfruntiera" tfisser struttura ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sħab soċjali jew is-soċjetà ċivili li jinsabu f'mill-inqas żewġ Stati Membri;

(12) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża b'inqas minn 10 impjegati u b'fatturat annwali jew b'karta bilanċjali inqas minn EUR 2 000 000;

(13) "intrapriża soċjali" tfisser impriża, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, inklużi intrapriżi tal-ekonomija soċjali, jew persuna fiżika li: (a) f'konformità mal-istatuti ta' assoċjazzjoni tagħha, mal-istatuti tagħha jew ma' kwalunkwe dokument legali ieħor li jista' jwassal għal responsabbiltà skont ir-regoli tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita intrapriża soċjali, ikollha l-kisba ta' impatti soċjali li jistgħu jitkejlu u pożittivi, li jistgħu jinkludu impatti ambjentali, bħala l-objettiv soċjali primarju tagħha minflok il-ġenerazzjoni ta' profitt għal finijiet oħra, u li tipprovdi servizzi jew oġġetti li jiġġeneraw redditu soċjali jew li tuża metodi ta' produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jinkorporaw objettivi soċjali; (b) tuża l-profitti tagħha l-ewwel u qabel kollox biex tilħaq l-objettiv soċjali primarju tagħha, u jkollha proċeduri u regoli definiti minn qabel li jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-profitti ma timminax l-objettiv soċjali primarju; (c) tiġi ġestita b'mod intraprenditorjali, parteċipattiv, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi lill-ħaddiema, lill-klijenti u lill-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet kummerċjali tagħha jkollhom impatt fuqhom;

(15) "kost għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika" tfisser il-kostijiet reali li huma marbuta max-xiri tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika mill-benefiċjarju u li mhumiex limitati għall-prezz tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika;

(16) "mikrofinanzjament" tinkludi garanziji, mikrokreditu, ekwità u kważi ekwità, akkoppjati ma' servizzi tal-żvilupp kummerċjali ta' akkumpanjament bħal dawk ipprovduti fil-forma ta' konsulenza individwali, taħriġ u mentoraġġ, estiżi għal persuni u mikrointrapriżi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw il-kreditu għall-finijiet ta' attivitajiet professjonali u li jiġġeneraw dħul;

(17) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni, inkluż fi ħdan faċilità jew pjattaforma ta' taħlit kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Finanzjarju), li tgħaqqad forom ta' appoġġ jew strumenti finanzjarji mhux ripagabbli mill-baġit tal-Unjoni ma' forom ta' appoġġ ripagabbli minn istituzzjonijiet ta' żvilupp jew ta' finanzjament pubbliku oħra, kif ukoll minn istituzzjonijiet u investituri tal-finanzi kummerċjali;

(18) "entità ġuridika" tfisser persuna fiżika, jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 197(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

(19) "rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż" tfisser ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati f'konformità mal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-TFUE relatati mal-isfidi strutturali kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet komplementari tal-Kummissjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huma xierqa li jiġu indirizzati permezz ta' investimenti pluriennali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fondi kif

	stabbilit fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.
	2. Fejn rilevanti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-[Regolament PSNR].

Or. en

Emenda 298
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi tal-FSE, l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 299
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [il-Pjan SNR].	***imħassar***

Or. fr

Emenda 300

Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Dan*** l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [il-Pjan SNR].	(2) ***Il-FSE għandu jkun parti mill-qafas stabbilit fir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].*** L-appoġġ tal-Unjoni ***għall-FSE*** għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [il-Pjan SNR].

Or. en

Emenda 301
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ***l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [il-Pjan SNR]***.	(2) Dan ***ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-FSE, il-baġit tiegħu għall-perjodu mill-2028 sal-2034, il-metodi ta' implimentazzjoni, il-gruppi ta' prijorità fil-mira tal-investimenti, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dak il-finanzjament***.

Or. en

Emenda 302
David Casa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Il-FSE għandu jappoġġa fost l-oħrajn l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali:
	a) it-titjib tal-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-impjegati, speċjalment għall-mikrointrapriżi u l-SMEs, u l-adattament għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli;
	b) l-appoġġ għall-impjegaturi biex iħarrġu lill-persunal bil-ħiliet biex joperaw b'mod effettiv fis-suq domestiku, permezz ta' programmi ta' taħriġ, inizjattivi ta' orjentazzjoni, u mekkaniżmi mmirati lejn l-appoġġ għaż-żamma tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 303
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE 2028-2034 irid jiżgura l-eżistenza tal-Fond Soċjali Ewropew bħala programm indipendenti, bil-linja baġitarja korrispondenti tiegħu u b'allokazzjoni ta' riżorsi adegwata biex jilħaq l-objettivi stabbiliti.

Or. es

Emenda 304
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser apprendiment fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluża l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali u li tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' apprendiment flessibbli;
	(2) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni, inklużi persuni apolidi u persuni b'nazzjonalità mhux determinata;
	(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa u materjal tal-iskola;
	(4) "grupp żvantaġġat" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, f'kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali tagħhom, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva jiġifieri l-litteriżmu; il-multilingwiżmu; il-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti u l-inġinerija; il-ħiliet diġitali; il-ħiliet fil-media; il-ħiliet personali, soċjali u tal-apprendiment dwar kif titgħallem; il-ħiliet fiċ-ċittadinanza attiva; l-intraprenditorija; il-kuxjenza u l-espressjoni kulturali u interkulturali; u l-ħsieb kritiku;

(6) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inklużi tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom tal-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(7) "riċevituri aħħarin" tfisser il-persuni l-aktar fil-bżonn li jirċievu l-appoġġ kif stabbilit fl-Artikolu 4(1), il-punt (m);

(8) "innovazzjoni soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-finijiet tagħha kif ukoll tal-mezzi tagħha u b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li jikkonċernaw prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;

(9) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser

attività pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-riferimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit ta' unità domestika;

(10) "esperimentazzjoni soċjali" tfisser intervent ta' politika li għandu l-għan li jipprovdi rispons innovattiv għall-ħtiġijiet soċjali, implimentat fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tiegħu jitkejjel, qabel ma jiġi implimentat f'kuntesti oħra inklużi dawk ġeografiċi u settorjali, jew implimentat fuq skala akbar, jekk ir-riżultati juru li huma pożittivi;

(11) "sħubija transfruntiera" tfisser struttura ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sħab soċjali jew is-soċjetà ċivili li jinsabu f'mill-inqas żewġ Stati Membri;

(12) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża b'inqas minn 10 impjegati u b'fatturat annwali jew b'karta bilanċjali inqas minn EUR 2 000 000;

(13) "intrapriża soċjali" tfisser impriża, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, inklużi intrapriżi tal-ekonomija soċjali, jew persuna fiżika li:

(a) f'konformità mal-istatuti ta' assoċjazzjoni tagħha, l-istatuti tagħha jew ma' kwalunkwe dokument legali ieħor li jista' jwassal għal responsabbiltà skont ir-regoli tal-Istat Membru fejn intrapriża soċjali tkun stabbilita, ikollha l-kisba ta' impatti soċjali li jistgħu jitkejlu u pożittivi, li jistgħu jinkludu impatti ambjentali, bħala l-objettiv soċjali primarju tagħha minflok il-ġenerazzjoni ta' profitt għal finijiet oħrajn, u li tipprovdi servizzi jew oġġetti li jiġġeneraw redditu soċjali, jew tuża metodi tal-produzzjoni ta' oġġetti jew

servizzi li jinkorporaw objettivi soċjali;

(b) tuża l-profitti tagħha l-ewwel u qabel kollox biex tilħaq l-objettiv soċjali primarju tagħha, u jkollha proċeduri u regoli definiti minn qabel li jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-profitti ma timminax l-objettiv soċjali primarju;

(c) tiġi ġestita b'mod intraprenditorjali, parteċipattiv, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi lill-ħaddiema, lill-klijenti u lill-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet kummerċjali tagħha jkollhom impatt fuqhom;

(14) "valur ta' referenza" tfisser valur li jintuża biex jiġu stabbiliti miri għal indikaturi komuni tar-riżultat u għal indikaturi tar-riżultat speċifiċi għall-programm, u bbażat fuq interventi simili eżistenti jew preċedenti;

(15) "kost għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika" tfisser il-kostijiet reali li huma marbuta max-xiri tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika mill-benefiċjarju u li mhumiex limitati għall-prezz tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika;

(16) "mikrofinanzjament" tinkludi garanziji, mikrokreditu, ekwità u kważi ekwità, akkoppjati ma' servizzi tal-żvilupp kummerċjali ta' akkumpanjament bħal dawk ipprovduti fil-forma ta' konsulenza individwali, taħriġ u mentoraġġ, estiżi għal persuni u mikrointrapriżi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw il-kreditu għall-finijiet ta' attivitajiet professjonali u li jiġġeneraw dħul;

(17) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjoni sostnuta mill-baġit tal-Unjoni, inkluż f'faċilità jew pjattaforma ta' taħlit kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament Finanzjarju, li tikkombina forom mhux rimborżabbli ta' appoġġ jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni ma' forom rimborżabbli ta' appoġġ mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħra,

kif ukoll mingħand istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali u investituri;

(18) "entità ġuridika" tfisser persuna fiżika, jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 197(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

(19) "indikatur komuni tar-riżultat immedjat" tfisser indikatur komuni tar-riżultati li jaqbad l-effetti fi żmien 4 ġimgħat mill-jum li fih il-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni;

(20) "indikatur komuni tar-riżultat aktar fit-tul" tfisser indikatur komuni tar-riżultati li jaqbad l-effetti wara 6 xhur mill-jum li fih il-parteċipant ikun telaq mill-operazzjoni.

Or. en

Emenda 305
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser apprendiment fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-

kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluża l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali u li tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' apprendiment flessibbli;

(2) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni, inklużi persuni apolidi u persuni b'nazzjonalità mhux determinata;

(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa u materjal tal-iskola;

(4) "grupp f'pożizzjoni żvantaġġata" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, f'kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali tagħhom, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva jiġifieri l-litteriżmu; il-multilingwiżmu; il-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti u l-inġinerija; il-ħiliet diġitali; il-ħiliet fil-media; il-ħiliet personali, soċjali u tal-apprendiment dwar kif titgħallem; il-ħiliet fiċ-ċittadinanza attiva; l-intraprenditorija; il-kuxjenza u l-espressjoni kulturali u interkulturali; u l-ħsieb kritiku;

(6) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi,

familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inklużi tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom tal-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(7) "innovazzjoni soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-finijiet tagħha kif ukoll tal-mezzi tagħha u b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li jikkonċernaw prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk jagħmlu l-ġid fis-soċjetà u jixprunaw il-kapaċità tagħha li taġixxi;

(8) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser attività pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-riferimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-unità domestika.

Or. en

Emenda 306
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser apprendiment fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluża l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali u li tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' apprendiment flessibbli;
	(2) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni, inklużi persuni apolidi u persuni b'nazzjonalità mhux determinata;
	(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa u materjal tal-iskola;
	(4) "grupp f'pożizzjoni żvantaġġata" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, inklużi persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inklużi tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom tal-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(6) "innovazzjoni soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-għanijiet kif ukoll tal-mezzi tagħha, b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li tikkonċerna prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà u tixpruna l-kapaċità tagħha li taġixxi;

(7) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser attività pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-riferimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-unitajiet domestiċi.

Or. en

Emenda 307
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament

Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Artikolu 1a (ġdid), Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: […]
	(13) "intrapriża soċjali" tfisser entità tal-liġi privata li tipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-ekonomija soċjali, b'objettivi soċjali jew ambjentali bħala r-raġuni għall-attività kummerċjali tagħha. L-intrapriżi soċjali jistgħu jiġu stabbiliti f'varjetà ta' forom legali.
	13b) "ekonomija soċjali" tfisser sett ta' entitajiet irregolati bil-liġi privata li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri tagħhom jew lis-soċjetà, li jinkludu forom organizzattivi bħal kooperattivi, soċjetajiet mutwi, assoċjazzjonijiet (inkluż organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet jew intrapriżi soċjali, kif ukoll forom legali oħra, li joperaw f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:
	(i) in-nies u l-għan soċjali jew ambjentali jiġu qabel il-profitt;
	(ii) l-investiment mill-ġdid tal-profitti kollha jew tal-biċċa l-kbira tagħhom u tas-surpluses biex ikomplu jsegwu l-għanijiet soċjali jew ambjentali tagħhom u jwettqu attivitajiet fl-interess tal-membri/tal-utenti tagħhom ("interess kollettiv") jew tas-soċjetà inġenerali ("interess ġenerali"); u
	(iii) il-governanza demokratika jew parteċipattiva.
	Or. en

Emenda 308

Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Objettivi ġenerali tal-FSE
	1. Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, kif ukoll soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
	2. Il-FSE għandu jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u inklużivi, protezzjoni soċjali u inklużjoni. B'mod partikolari, għandu jippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, kif ukoll jiffoka fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità u inklużivi, l-apprendiment tul il-ħajja, in-nondiskriminazzjoni, l-investiment f'persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew żvantaġġati fl-edukazzjoni jew fis-suq tax-xogħol, it-tfal u ż-żgħażagħ u l-aċċess għal servizzi bażiċi.
	3. Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri biex jiġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni u segregazzjoni u lejn il-kisba ta' inklużjoni soċjali u ekonomika għolja, speċjalment għal gruppi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Or. en

Emenda 309
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	"Kundizzjonalità soċjali" tfisser rispett għad-drittijiet u l-prerogattivi tal-ħaddiema kif minquxa fil-liġi nazzjonali u fil-konvenzjonijiet fundamentali u ta' prijorità tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) kif ukoll permezz ta' ftehimiet kollettivi applikabbli, bħala prerekwiżit għall-għoti ta' finanzjament pubbliku;

Or. fr

Emenda 310
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Objettivi ġenerali tal-FSE
	(1) Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol reżiljenti u ta' kompetenza li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, kif ukoll soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
	(2) Il-FSE għandu jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki

tal-Istati Membri biex jiżgura opportunitajiet indaqs, aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni u inklużjoni soċjali, li b'mod partikolari jiffokaw fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u aċċess għas-servizzi bażiċi.

(3) Il-FSE għandu jikkontribwixxi għall-objettivi (b) u (e) stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].

Or. en

Emenda 311
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa ***u jelabora fuq*** l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin*** stabbiliti fl-Artikolu 3***(c)*** tar-RegolamentXX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] ***permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin flimkien mal-konċentrazzjonijiet tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 3b:***
	(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, għal persuni b'diżabbiltà jew b'mard kroniku, u għal persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali;
	(b) l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu

vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu żgurati assistenza u appoġġ f'waqthom u mfassla apposta għall-adattament, għat-tranżizzjoni u għall-mobbiltà għas-suq tax-xogħol;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess bi prezz raġonevoli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;

(d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri għall-bidla, it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat sew li jindirizza r-riskji għas-saħħa;

(e) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(f) il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għal gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, sal-livell terzjarju, kif ukoll il-mentoraġġ u l-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti, inkluż l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(g) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal kulħadd, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet professjonali u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali b'enfasi fuq il-ħiliet li hemm jew li se jkun hemm nuqqas tagħhom, speċjalment f'setturi ta' importanza

strateġika, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali;

(h) iż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi inkluż billi tiġi promossa l-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, kif ukoll billi tiġi miġġielda l-femminilizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ;

(i) it-trawwim tal-inklużjoni attiva bl-għan li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati u vulnerabbli;

(j) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi l-migranti;

(k) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika tal-komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom, il-persuni razzjalizzati, il-persuni LGBTQIA +, l-anzjani u ż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni diskriminati abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, u l-ġenituri waħedhom;

(l) it-tisħiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul kif ukoll is-servizzi bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità; l-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata; it-titjib tal-aċċessibbiltà, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà;

(m) il-promozzjoni tal-integrazzjoni

soċjali ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, inklużi l-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal;

(n) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;

(o) l-iffaċilitar tal-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta, speċjalment f'oqsma li jesperjenzaw konsegwenzi negattivi sproporzjonati tat-tranżizzjoni doppja, permezz tat-tiġdid tal-ħiliet u tal-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol permezz ta' impjiegi ta' kwalità f'setturi ġodda u li qed jittrasformaw u l-ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi fuq ix-xogħol deċenti;

(p) (e) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-iżgurar tal-inklużjoni soċjali tal-persuni mingħajr dar;

(q) l-iżgurar tal-aċċess għal skemi ta' introjtu minimu adegwati, aċċessibbli u abilitanti.

Or. en

Emenda 312
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(1) ***Il-FSE*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribut għall-qerda tal-faqar:***
	(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod

partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, għal persuni b'diżabbiltà jew b'mard kroniku, u għal persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali, inkluż permezz ta' perkorsi ċċentrati fuq il-persuna, inklużi miżuri ta' appoġġ integrati;

(b) l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu żgurati assistenza u appoġġ f'waqthom u mfassla apposta għall-adattament, għat-tranżizzjoni u għall-mobbiltà għas-suq tax-xogħol;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess bi prezz raġonevoli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;

(d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u tal-intraprendituri, tat-tixjiħ attiv u san u ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat tajjeb li jindirizza r-riskji għas-saħħa;

(e) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(f) il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għal gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, sal-livell

terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti, inkluż l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(g) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, l-antiċipazzjoni aħjar tal-bidla u tar-rekwiżiti ġodda tal-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali;

(h) il-promozzjoni tal-impjiegi tan-nisa u l-inklużjoni soċjali u ekonomika tan-nisa;

(i) it-trawwim tal-inklużjoni attiva bl-għan li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi f'pożizzjonijiet vulnerabbli billi jiġu indirizzati l-ostakli strutturali u istituzzjonali;

(j) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(k) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom;

(l) it-tisħiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa; il-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fuq il-familja u bbażata fuq il-komunità; l-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata; it-titjib tal-aċċessibbiltà, inkluż għall-persuni

b'diżabbiltà, tal-effettività u tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;

(l ġdid) l-appoġġ għall-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali bħala atturi ewlenin għal impjiegi ta' kwalità u inklużivi u għall-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà u gruppi vulnerabbli oħra;

(m) il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-inklużjoni soċjali ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, inklużi l-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal;

(n) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;

(o) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni ġusta permezz ta' tiġdid tal-ħiliet u ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi fuq ix-xogħol deċenti;

(p) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-aktar sitwazzjonijiet estremi ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni.

Or. en

Emenda 313
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti ***fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(1) ***Il-FSE*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribut għall-qerda tal-faqar:***
	(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, inkluż għall-

persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fost dawk li jaħdmu, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, għal persuni b'diżabbiltà jew b'mard kroniku, u għal persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali;

(…) (c) il-promozzjoni ta' parteċipazzjoni bbilanċjata tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-professjonalizzazzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-settur tal-kura, aċċess għal indukrar tat-tfal bi prezz raġonevoli, u kura għal persuni dipendenti u l-promozzjoni tal-koresponsabbiltà għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

(…) (p) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u persuni f'esklużjoni residenzjali.

(q) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti ***fil-punti (i) sa (p) tkun iggwidata minn eżiti soċjali li jistgħu jitkejlu, b'mod partikolari għat-tfal, għall-persuni li qegħdin jesperjenzaw il-faqar jew l-esklużjoni soċjali, u għall-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol***.

Or. en

Emenda 314
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)	1. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)

għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].	għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]***, billi jippromwovi approċċi ċċentrati fuq in-nies, l-għoti tas-setgħa individwali u kollettiva u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u territorjali, u billi jiżgura l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-interventi***.

Or. it

Emenda 315
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3*** tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]**.**	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa ***u jelabora fuq*** l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin*** stabbiliti fl-Artikolu ***3(c)*** tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] ***permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin flimkien mal-punti ta' konċentrazzjoni tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2c(ġdid):***
	(a) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom;

Or. en

Emenda 316
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa ***u jikkomplementa*** l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] ***b'enfasi fuq il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli***.

Or. en

Emenda 317
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa ***l-objettivi speċifiċi*** stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa ***azzjonijiet li jilħqu objettiv speċifiku wieħed jew aktar minn dawk*** stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].

Or. pl

Emenda 318
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi stabbiliti ***fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [***ir-Regolament ***dwar il-Pjan SNR]***.	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi ***ġenerali u*** speċifiċi stabbiliti ***rispettivament fl-Artikoli 2a ġdid u 2b ġdid ta' dan*** ir-Regolament.

Or. en

Emenda 319
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].***	1. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin permezz tat-taħriġ u tat-taħriġ mill-ġdid:***

Or. fr

Emenda 320
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Jippromwovi l-opportunitajiet ta' impjieg u tal-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema;

Or. fr

Emenda 321
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) Jiffaċilita l-adattament għall-bidliet industrijali u għall-evoluzzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni;

Or. fr

Emenda 322
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3) Itejjeb l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali inizjali u t-taħriġ kontinwu sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni u r-riintegrazzjoni professjonali fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jqis b'mod partikolari l-popolazzjonijiet taż-żgħażagħ u lil dawk ferm imbegħdin mis-suq tax-xogħol;

Or. fr

Emenda 323
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4) Jappoġġja l-ġlieda kontra l-privazzjoni materjali, imsemmija fl-Artikolu 6, bil-possibbiltà li jiġu stabbiliti mezzi mmirati għal dan l-għan.

Or. fr

Emenda 324
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-FSE għandu jappoġġa wkoll:
	a) it-tisħiħ tal-preparatezza ċivili, ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-kapaċità ta' rispons tas-soċjetajiet Ewropej fid-dawl

ta' diżastri klimatiċi, tas-saħħa u teknoloġiċi, kif ukoll kriżijiet ibridi, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għat-taħriġ, għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-atturi tal-protezzjoni ċivili, is-servizzi ta' emerġenza u l-persunal tal-infrastruttura kritika;

b) l-iżvilupp ta' ħiliet strateġiċi relatati mal-maniġġar tal-kriżijiet, mal-protezzjoni ċivili, maċ-ċibersigurtà, mal-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll mal-preparatezza ċivili u soċjetali;

c) il-prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa, inklużi r-riskji psikosoċjali, kif ukoll l-appoġġ psikoloġiku u l-assistenza posttrawmatika għall-ħaddiema esposti għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, diżastri jew kriżijiet fit-tul;

d) il-promozzjoni ta' programmi Ewropej għat-taħriġ, skambji, eżerċizzji konġunti u kooperazzjoni bejn l-atturi tal-protezzjoni ċivili, is-servizzi ta' emerġenza u l-awtoritajiet lokali, sabiex jissaħħu l-interoperabbiltà, il-koordinazzjoni transfruntiera u l-kapaċitajiet Ewropej ta' rispons għall-kriżijiet;

e) l-appoġġ għall-infrastruttura, it-tagħmir u l-faċilitajiet sportivi lokali li jrawmu l-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs, il-koeżjoni territorjali u l-appoġġ għat-tfal u ż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk minn sfondi żvantaġġati jew f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 325
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-FSE għandu jappoġġa l-objettivi tat-tisħiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli; fid-dawl tal-fatt li l-abort mhux sikur huwa kwistjoni ta' saħħa pubblika, l-Istati Membri huma mħeġġa bis-sħiħ li jużaw il-FSE biex itejbu l-aċċess ugwali għal servizzi ta' abort sikur disponibbli b'mod legali u bi prezz raġonevoli inkluż għan-nisa li ma għandhomx aċċess għal tali servizzi fl-Istati Membri tagħhom.

Or. en

Emenda 326
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri għandhom isarrfu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 fi prijoritajiet ta' investiment u gruppi fil-mira definiti b'mod ċar fid-dokumenti ta' programmazzjoni nazzjonali, filwaqt li jiżguraw il-koerenza mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà għall-2021–2030, mal-UNCRPD, mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ma' Strateġiji relatati oħra.

Or. en

Emenda 327
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-FSE jista' jappoġġa miżuri li jikkomplementaw l-Erasmus+, inklużi opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment inklużivi għal studenti żvantaġġati.

Or. en

Emenda 328
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Artikolu 2c
	Metodi ta' implimentazzjoni
	1. Il-FSE għandu jiġi implimentat: (a) taħt ġestjoni kondiviża, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament; u (b) taħt ġestjoni diretta, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.
	2. L-Artikolu 17(1), il-punt (3), tar-[Regolament PSNR] għandu japplika fil-każ ta' prefinanzjament tal-proġetti.
	3. Il-pagament ta' prefinanzjament inizjali għandu jkun ta' 30 %.

Or. en

Emenda 329

Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	***imħassar***

Or. en

Emenda 330
Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri***, fi sħubija mar-reġjuni,*** għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027]. ***Il-FSE għandu jiġi pprogrammat u implimentat mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali, fl-aktar livell istituzzjonali xieraq, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-governanza f'diversi livelli u f'konformità mal-arranġamenti***

istituzzjonali u organizzattivi fis-seħħ f'kull Stat Membru.

Or. en

Emenda 331
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri***, fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

Or. en

Emenda 332
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill	(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, ***u f'konformità mal-allokazzjonijiet ta' dan ir-Regolament,*** kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni

sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

Or. en

Emenda 333
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027] ***u fil-qafas tas-Semestru Ewropew***.

Or. en

Emenda 334
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill	(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu***, fi sħubija mar-reġjuni***, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi

sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

Or. en

Emenda 335
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu***, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq*** il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu ***jqis*** il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

Or. fr

Emenda 336
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Bħala parti mill-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1, il-FSE għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-edukazzjoni terzjarja vokazzjonali, inkluż permezz ta' proċessi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali postsekondarji orjentati lejn is-suq tax-xogħol. Għal dan l-għan, l-Istati Membri b'rata ta' edukazzjoni terzjarja aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni għandhom jallokaw sehem xieraq tar-riżorsi tal-FSE. Il-

miżuri relatati mal-edukazzjoni terzjarja vokazzjonali għandhom jiġu identifikati u rrapportati separatament minn dawk relatati mal-edukazzjoni terzjarja akkademika u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali.

Or. it

Emenda 337
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-allokazzjoni u d-distribuzzjoni tal-baġit tal-FSE għandhom iqisu l-intensità u l-persistenza tal-isfidi soċjali, inklużi l-faqar, il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali, sabiex jiġi żgurat użu ekwu u bbażat fuq il-ħtiġijiet tar-riżorsi.

Or. en

Emenda 338
David Casa

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jimminimizzaw il-pożijiet amministrattivi u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament tal-FSE.

Or. en

Emenda 339

Marit Maij, Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Evelyn Regner, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Meta jipprogrammaw l-appoġġ tal-FSE taħt l-objettivi speċifiċi relatati mal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-servizzi, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lit-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. B'mod partikolari, meta l-appoġġ tal-FSE jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri jkopru, kif xieraq, l-aċċess tat-tfal fil-bżonn għal servizzi essenzjali ta' kwalità, inklużi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u l-kura barra mill-iskola, il-kura tas-saħħa (inkluża s-saħħa mentali), is-servizzi ta' interventi bikrija tat-tfal, in-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni adegwata.

Or. en

Emenda 340
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Flessibbiltà fl-allokazzjoni
	1. L-Istati Membri għandhom iżommu d-diskrezzjoni li jiddeterminaw l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FSE f'konformità mal-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol nazzjonali.
	2. Ma għandha tiġi imposta l-ebda allokazzjoni perċentwali minima

vinkolanti fil-livell tal-Unjoni, ħlief fejn ikun strettament iġġustifikat u proporzjonat mal-objettivi tat-Trattat.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid ir-riżorsi bejn il-prijoritajiet meta dan ikun iġġustifikat mill-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, mill-isfidi demografiċi jew mix-xokkijiet ekonomiċi.

Or. en

Emenda 341
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) F'konformità mal-objettivi tar-Regolament (UE) 2021/1056, għandha tiġi stabbilita allokazzjoni delimitata għall-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta, li għandha tiġi pprogrammata għar-reġjuni l-aktar affettwati mid-dekarbonizzazzjoni. L-allokazzjonijiet għandhom jintużaw esklużivament biex jappoġġaw miżuri mfassla apposta għar-realizzazzjoni ta' intrapriżi ġodda, għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet, għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, u għall-aċċess għal servizzi rilevanti, u għandhom jiġu implimentati f'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mas-sħab soċjali.

Or. en

Emenda 342
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(2a) L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-Fond Soċjali Ewropew biex jappoġġaw l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fil-komunità, kif ukoll biex jipprevjenu s-segregazzjoni u l-iżolament soċjali tagħhom.

Or. en

Emenda 343
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	1. Il-FSE għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribut għall-qerda tal-faqar:
	(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, għal persuni b'diżabbiltà, u għal persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali, inkluż permezz ta' perkorsi ċċentrati fuq il-persuna, inklużi miżuri ta' appoġġ integrati;
	(b) l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu żgurati assistenza u appoġġ f'waqthom u mfassla apposta għall-adattament, għat-tranżizzjoni u għall-mobbiltà għas-suq tax-xogħol;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni bilanċjata tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess bi prezz raġonevoli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;

(d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u tal-intraprendituri, tat-tixjiħ attiv u san u ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat tajjeb li jindirizza r-riskji għas-saħħa;

(e) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati, filwaqt li jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni ugwali tal-persuni b'diżabbiltà;

(f) il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għal gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti, inkluż l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(g) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, l-antiċipazzjoni aħjar tal-bidla u tar-rekwiżiti ġodda tal-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali;

(h) il-promozzjoni tal-impjiegi tan-nisa u l-inklużjoni soċjali u ekonomika tan-nisa;

(i) it-trawwim tal-inklużjoni attiva bl-għan li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi f'pożizzjonijiet vulnerabbli billi jiġu indirizzati l-ostakli strutturali u istituzzjonali;

(j) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(k) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom;

(l) it-tisħiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa; l-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata; it-titjib tal-aċċessibbiltà, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà, tal-effettività u tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;

(m) l-appoġġ għall-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali bħala atturi ewlenin għal impjiegi ta' kwalità u inklużivi u għall-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà u gruppi vulnerabbli oħra.

(n) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, inklużi l-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal;

(o) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-

inklużjoni soċjali tagħhom;

(p) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni ġusta permezz ta' tiġdid tal-ħiliet u ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi fuq ix-xogħol deċenti;

(a) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

2. L-Istati Membri għandhom isarrfu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 fi prijoritajiet ta' investiment u gruppi fil-mira definiti b'mod ċar fid-dokumenti ta' programmazzjoni nazzjonali, filwaqt li jiżguraw il-koerenza mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà għall-2021–2030, mal-UNCRPD, mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ma' Strateġiji relatati oħra.

3. L-objettivi u l-prijoritajiet ta' investiment imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu marbuta direttament mal-ugwaljanza u ma' indikaturi speċifiċi għad-diżabbiltà fil-Qafas ta' Prestazzjoni, sabiex jagħmluha possibbli li jkun hemm ippjanar strateġiku, monitoraġġ u impatt li jista' jitkejjel.

Or. en

Emenda 344
Villy Søvndal, Maria Ohisalo, Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Objettivi speċifiċi
	(1) Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
	(i) it-titjib tal-aċċess għall-impjiegi u għall-miżuri ta' attivazzjoni għall-persuni

kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul u gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, u għall-persuni inattivi, u kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjiegi indipendenti u l-ekonomija soċjali;

(ii) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(iii) jiġu promossi l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-indukrar bikri tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti, inkluż li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(iv) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, l-antiċipazzjoni aħjar tal-bidla u tar-rekwiżiti ġodda tal-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali;

(v) l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet, it-taħriġ, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-estensjoni tan-negozjar kollettiv u tal-protezzjoni soċjali għall-professjonisti kulturali u kreattivi;

(vi) it-trawwim tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-opportunitajiet indaqs u tan-

nondiskriminazzjoni u azzjonijiet li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni attiva, u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati;

(vii) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi l-migranti;

(viii) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom;

(ix) it-tisħiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni adegwata, bi prezz raġonevoli, sostenibbli u deċenti u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa;

(x) l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inkluż il-promozzjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi żvantaġġati;

(xi) it-titjib tal-aċċessibbiltà, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà, tal-effettività u tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;

(xii) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, inkluż billi tiġi miġġielda l-femminilizzazzjoni tal-faqar;

(xiii) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;

(xiv) (e) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-iżgurar tal-inklużjoni soċjali tal-persuni mingħajr dar;

(xv) l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa għal gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluża l-firxa sħiħa tas-

servizzi tas-saħħa u tad-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-forniment ta' servizzi ta' abort lil dawk li ma jistgħux jaċċessawh;

(xvi) il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura għal kulħadd, it-trawwim tal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni kulturali, l-appoġġ għall-wirt kulturali, u t-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fil-koeżjoni soċjali, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli.

Or. en

Emenda 345
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Objettivi ġenerali tal-FSE u metodi ta' implimentazzjoni
	1. Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, kif ukoll soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
	2. Il-FSE għandu jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri biex jiżgura opportunitajiet indaqs, aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni u inklużjoni soċjali, li b'mod partikolari jiffokaw fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ ta'

kwalità u inklużivi, l-apprendiment, in-nondiskriminazzjoni, l-investiment f'persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew żvantaġġati fl-edukazzjoni jew fis-suq tax-xogħol, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ Rom, il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew żvantaġġati fl-edukazzjoni jew fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għas-servizzi bażiċi.

3. Il-FSE għandu jiġi implimentat:

(a) taħt ġestjoni kondiviża, għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2b ġdid; u

(b) taħt ġestjoni diretta u indiretta, għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2b ġdid.

Or. en

Emenda 346
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Appoġġ għad-deistituzzjonalizzazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-Fond Soċjali Ewropew sabiex isaħħu u jlestu l-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni, sabiex jiżguraw li kull persuna b'diżabbiltà tkun tista' tgħix f'ambjent ta' familja jew ibbażat fuq il-komunità. Il-Fond Soċjali Ewropew għandu jiġi mobilizzat biex jikkofinanzja pjanijiet strateġiċi nazzjonali dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni, inkluż bl-għeluq ta' faċilitajiet ta' kura istituzzjonali flimkien mal-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità u l-espansjoni sistematika tas-servizzi ta' assistenza personali għall-persuni b'diżabbiltà.

Or. en

Emenda 347
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Baġit
	(1) Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FSE għall-perjodu mill-2028 sal-2034 għandu jkun ta' EUR 124 190 000 000 fi prezzijiet kurrenti, kif stabbilit fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2, il-punt (a), is-subpunt (ia) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR] u għandu jkun ippprogrammat esklużivament biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.
	(2) Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal għandha tkun baġit iddedikat ta' EUR 20 000 000 000.

Or. en

Emenda 348
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Baġit
	Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FSE għall-perjodu

mill-2028 sal-2034 għandu jkun ta' EUR 124 190 000 000 fi prezzijiet kurrenti, kif stabbilit fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2, il-punt (a), is-subpunt (ia) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR] u għandu jkun ipprogrammat esklużivament biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 349
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Bagit
	Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew għandu jkun ta' EUR 124 190 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

Or. en

Emenda 350
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Objettivi speċifiċi tal-FSE
	(1) Il-FSE għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-

inklużjoni soċjali u tal-qerda tal-faqar:

(a) l-iżgurar tal-aċċess għal skemi ta' introjtu minimu adegwati, aċċessibbli u abilitanti;

(b) it-tishiħ tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u bi prezz raġonevoli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa; l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inkluż il-promozzjoni tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi żvantaġġati; u t-titjib tal-aċċessibbiltà, tal-effettività u tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà;

(c) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-indirizzar tal-faqar fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi l-migranti, irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni tagħhom;

(d) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-indirizzar tal-faqar fost gruppi emarġinati, inklużi n-nisa, il-persuni razzjalizzati, il-persuni LGBTQIA+, l-anzjani u ż-żgħażagħ, il-persuni Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni diskriminati abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, u l-ġenituri waħedhom;

(e) (e) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-iżgurar tal-inklużjoni soċjali tal-persuni mingħajr dar;

(f) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lil dawk l-aktar fil-bżonn; u l-għoti ta' miżuri akkumpanjanti li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;

(2) Il-FSE għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema u l-edukazzjoni: l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribuzzjoni għall-qerda tal-faqar:

(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, inklużi n-nisa, il-persuni razzjalizzati, il-persuni LGBTQIA+, il-persuni Rom, il-persuni diskriminati abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, u l-ġenituri waħedhom, għal persuni b'diżabbiltà jew b'mard kroniku, u għal persuni inattivi barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali;

(b) l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu żgurati assistenza u appoġġ f'waqthom u mfassla apposta għall-adattament, għat-tranżizzjoni u għall-mobbiltà għas-suq tax-xogħol;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess bi prezz raġonevoli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;

(d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u tal-intraprendituri, tat-tixjiħ attiv u san u ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat tajjeb li jindirizza r-riskji għas-saħħa;

(e) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(f) il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għal gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u l-apprendiment għall-adulti, inkluż l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(g) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, l-antiċipazzjoni aħjar tal-bidla u tar-rekwiżiti ġodda tal-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali;

(h) il-promozzjoni tal-impjiegi tan-nisa u l-inklużjoni soċjali u ekonomika tan-nisa;

(i) l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa għal gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluża l-firxa sħiħa tas-servizzi tas-saħħa u tad-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-forniment ta' servizzi ta' abort lil dawk li ma jistgħux jaċċessawh.

(j) il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura għal kulħadd, it-trawwim tal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni kulturali, l-appoġġ għall-wirt kulturali, u t-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fil-koeżjoni soċjali, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli.

Or. en

Emenda 351
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Baġit u konċentrazzjoni tematika
	1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FSE għall-perjodu mill-2028 sal-2034 għandu jkun ta' EUR 124,19 biljun fi prezzijiet kurrenti [in-numru mir-rapport interim tal-QFP].
	2. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn il-FSE u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, kemm fil-faż tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni, biex iwettqu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.
	3. L-Istati Membri għandhom jallokaw massimu ta' 25 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għal objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-edukazzjoni u tal-impjegabbiltà stabbiliti fl-Artikolu 2a(1), il-punti (i) sa (v) filwaqt li jqisu:
	(i) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjiegi taż-żgħażagħ u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;
	(ii) Dawk l-Istati Membri li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażagħ b'età bejn il-15 u d-29 sena

barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ għall-perjodu bejn l-2024 u l-2026, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża.

4. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża għall-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2a(1), il-punt (vi) bil-ħsieb li tiżdied l-impjegabbiltà tan-nisa u tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol.

5. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom taħt ġestjoni kondiviża tal-FSE għall-objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fl-Artikolu 3a(1), il-punti (vii) sa (xvi), filwaqt li jqisu:

(i) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-fergħa tal-FSE tagħhom biex jappoġġaw il-persuni l-aktar fil-bżonn;

(ii) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE tagħhom taħt ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati li għandhom l-għan li jimplimentaw il-Garanzija Ewropea għat-Tfal permezz ta' azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal;

(iv) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE tagħhom taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali fil-politika kulturali stabbilita fl-Artikolu 2a, il-punt (xvi);

(v) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jiżguraw l-inklużjoni tal-

persuni mingħajr dar fis-soċjetà.

6. Il-kalkolu tal-kostijiet relatati mal-istadji importanti u l-miri fil-bażit tal-FSE li jirrispettaw l-ishma minimi tal-paragrafu 3, tal-paragrafu 4 u tal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu huma rekwiżiti għall-pjan PSNR skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tar-Regolament XXXX [ir-Regolament dwar il-PSNR].

Or. en

Emenda 352
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Appoġġ li jindirizza l-faqar fost it-tfal
	(1) L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ immirat lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal f'konformità mal-Artikolu 2a(ġdid)(2) billi jippromwovu opportunitajiet indaqs għat-tfal fil-bżonn u jtejbu l-aċċess effettiv tagħhom, jew l-aċċess effettiv u bla ħlas fejn xieraq, għal servizzi ewlenin, inklużi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni inklużiva u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola, il-kura tas-saħħa, in-nutrizzjoni tajba għas-saħħa u l-akkomodazzjoni adegwata.
	(2) L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' miżuri integrati u mmirati li jindirizzaw l-iżvantaġġi speċifiċi esperjenzati mit-tfal fil-bżonn, inklużi: (a) tfal mingħajr dar jew tfal li jesperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni severa; (b) tfal

b'diżabbiltà; (c) tfal bi problemi ta' saħħa mentali; (d) tfal li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni jew minn minoranza etnika, b'mod partikolari r-Rom; (e) tfal f'kura alternattiva, speċjalment dik istituzzjonali; (e) tfal f'sitwazzjonijiet prekarji tal-familja.

(3) L-appoġġ imsemmi fis-subparagrafu 1 jista' jinkludi, b'mod partikolari: (a) appoġġ għall-aċċess ugwali u inklużiv għat-tfal fil-bżonn għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, edukazzjoni u attivitajiet ibbażati fl-iskola ta' kwalità għolja billi jiġu indirizzati l-ostakli finanzjarji, soċjali, edukattivi, diġitali u ta' aċċessibbiltà, inkluż permezz ta' appoġġ immirat għall-apprendiment u ambjenti edukattivi inklużivi; (b) appoġġ għat-tfal fil-bżonn permezz ta' miżuri komplementari li jippermettu parteċipazzjoni u kisba edukattiva sħaħ, inkluż mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kuljum l-iskola, materjali edukattivi, trasport, konnettività diġitali, attivitajiet ekstrakurrikulari u servizzi ta' appoġġ koordinati li jinvolvu l-iskejjel, il-familji u l-komunitajiet; (c) appoġġ għall-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi, preventivi u inklużivi għat-tfal fil-bżonn, inklużi l-identifikazzjoni u t-trattament bikrija, l-appoġġ għas-saħħa mentali, is-servizzi ta' riabilitazzjoni u ta' abilitazzjoni, it-tilqim, il-promozzjoni tas-saħħa u l-programmi għall-prevenzjoni tal-mard; (d) appoġġ għall-aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa għat-tfal fil-bżonn anke f'jiem mhux tal-iskola, inkluż permezz ta' ikliet tajbin għas-saħħa, standards xierqa ta' nutrizzjoni, miżuri ta' sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni u azzjonijiet li jippromwovu ambjenti tal-ikel tajbin għas-saħħa; (e) appoġġ għall-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata għat-tfal fil-bżonn u l-familji tagħhom, inklużi l-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, l-assistenza għall-akkomodazzjoni, l-akkomodazzjoni soċjali aċċessibbli, u t-tranżizzjoni tat-tfal minn

kura istituzzjonali għal kura bbażata fuq il-familja jew ibbażata fuq il-komunità; (f) is-sensibilizzazzjoni, il-konsulenza, il-medjazzjoni u l-miżuri ta' akkumpanjament li jiffaċilitaw l-użu ta' servizzi mit-tfal fil-bżonn u mill-familji tagħhom.

(4) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ mogħti biex jindirizza l-faqar fost it-tfal jirrispetta d-dinjità u jipprevjeni l-istigmatizzazzjoni tat-tfal fil-bżonn.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "tfal fil-bżonn", "aċċess effettiv", "aċċess effettiv u bla ħlas", "attivitajiet ibbażati fl-iskejjel", "nutrizzjoni tajba għas-saħħa" u "akkomodazzjoni adegwata" għandu jkollhom it-tifsira stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal[2a].

[2a] ĠU L 223, 22.6.2021, pp. 14–23

Or. en

Emenda 353
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Prinċipji Orizzontali
	1. Il-miżuri li jimplimentaw l-objettivi tal-FSE għandhom jikkonformaw mal-prinċipji orizzontali stabbiliti fir-Regolament XX [il-Pjan SNR] u fir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-istatus soċjoekonomiku, l-isfond edukattiv, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-miżuri tal-FSE. B'mod partikolari, għandha titqies l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru jiġu kkunsidrati u promossi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet appoġġati.

Or. en

Emenda 354
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Konformità mal-Konvenzjoni UNCRPD
	Fil-ġestjoni tal-proċessi ta' inklużjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu u japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità ta' persuni b'diżabbiltà (2024). F'konformità ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-azzjonijiet tal-Istati Membri għandhom jiġu ppjanati u implimentati b'mod effettiv f'kooperazzjoni mal-persuni b'diżabbiltà,

	u għandhom ikunu bbażati fuq skeda ta' żmien ċara għad-deistituzzjonalizzazzjoni, objettivi speċifiċi, finanzjament adegwat u allokazzjoni trasparenti tar-responsabbiltajiet. Dawn għandhom jinkludu wkoll sistema indipendenti ta' kontroll tal-kwalità, mekkaniżmi tal-ilmenti aċċessibbli, u għodod ta' monitoraġġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti meħtieġa.

Or. en

Emenda 355
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2c
	Prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż u konċentrazzjoni tematika
	1. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 30 % tar-riżorsi tal-FSE tagħhom għall-objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (f) sa (m) u l-punt (p), b'attenzjoni partikolari għall-persuni f'pożizzjonijiet żvantaġġati.
	2. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE tagħhom biex jappoġġaw il-persuni l-aktar fil-bżonn skont l-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punt (n). Ir-riżorsi ma għandhomx jitqiesu għall-verifika tal-konformità mal-allokazzjonijiet minimi stabbiliti fil-paragrafi ta' dan l-Artikolu.
	3. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għall-implimentazzjoni tal-Garanzija

għat-Tfal permezz ta' azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal. Dawk l-Istati Membri li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal taħt l-età ta' 18-il sena f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għall-perjodu bejn l-2024 u l-2026, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 10 %.

4. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE tagħhom għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjieg taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari l-apprendistati, inkluż permezz ta' sinerġiji mal-Erasmus+, u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi għar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

L-Istati Membri li għall-perjodu bejn l-2024 u l-2026 kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażagħ ta' età bejn il-15 u d-29 sena li mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu. Meta jimplimentaw l-azzjonijiet immirati u r-riformi strutturali msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażagħ inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' sensibilizzazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti adottati f'konformità mal-Artikolu 121(2) u mal-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fil-kamp ta'

applikazzjoni tal-objettivi speċifiċi tal-FSE stabbiliti fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament filwaqt li jqisu l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fl-istrateġiji nazzjonali u reġjonali rilevanti għall-objettivi tal-FSE.

6. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE tagħhom għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jappoġġaw l-aċċess ugwali għal kulħadd għall-impjiegi, l-iżvilupp u t-trasferibbiltà tal-ħiliet u l-mobbiltà tal-ħaddiema. Dan l-appoġġ għandu jiffoka fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet, speċjalment għall-persuni qiegħda, għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u għal dawk li jgħixu f'żoni li huma affettwati b'mod negattiv u sproporzjonat mit-tranżizzjoni doppja, biex isibu impjieg fis-setturi li huma ta' importanza strateġika u li qed jesperjenzaw l-akbar nuqqasijiet ta' ħiliet.

7. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn il-FSE u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, kemm fil-faż tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni, biex iwettqu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.

Or. en

Emenda 356
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament

Artikolu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2c
	Baġit u konċentrazzjoni tematika
	1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FSE għall-perjodu 2028 sal-2034 għandu jkun ta' EUR 198 000 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
	2. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn il-FSE u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni, għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni biex iwettqu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.
	3. Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal għandha tkun baġit dedikat ta' mill-inqas EUR 20 000 000 000.
	4. L-Istati Membri għandhom jallokaw massimu ta' 25 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għal objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-edukazzjoni u tal-impjegabbiltà stabbiliti fl-Artikolu 2b(2) ġdid, filwaqt li jqisu:
	(i) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjiegi taż-żgħażagħ u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-

Garanzija għaż-Żgħażagħ.

(ii) Dawk l-Istati Membri li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażagħ b'età bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ, abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża.

5. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom taħt ġestjoni kondiviża tal-fergħa tal-FSE għall-objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fl-Artikolu 2b(1) ġdid, filwaqt li jqisu:

(i) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE biex jindirizzaw il-privazzjoni materjali u jappoġġaw lill-persuni l-aktar fil-bżonn, irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni tagħhom, permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur u/jew permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament, bħal riferimenti għal servizzi kompetenti jew miżuri li jippromwovu l-integrazzjoni soċjali.

(ii) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal u għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal.

(iii) L-Istati Membri li għall-perjodu bejn l-2024 u l-2026 kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal taħt it-18-il sena f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali abbażi tad-data tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 10 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal.

(iv) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom taħt il-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali fil-politika kulturali stabbilita fl-Artikolu 2b(2), il-punt (j).

(v) L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom għal miżuri mmirati biex jiġu indirizzati l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u s-sitwazzjonijiet l-aktar estremi ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni.

6. Il-miżuri li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli għandhom jilħqu rata ta' kofinanzjament ta' 90 % fir-reġjuni kollha, biex b'hekk jiġi żgurat investiment robust fl-Unjoni u jikkontribwixxu għall-forniment ta' servizzi ekwi fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 357
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2d
	Ugwaljanza bejn il-ġeneri, opportunitajiet indaqs u nondiskriminazzjoni
	L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jappoġġaw azzjonijiet immirati speċifiċi biex jippromwovu l-prinċipji orizzontali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni li jaqgħu taħt kwalunkwe wieħed mill-objettivi tal-FSE. Dawk l-azzjonijiet jistgħu jinkludu azzjonijiet li jiżguraw l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, inkluż f'termini tat-

teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u jippromwovu t-tranżizzjoni minn kura residenzjali jew istituzzjonali għal kura f'familja u kura bbażata fil-komunità.

Permezz tal-FSE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi kif ukoll għall-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, il-ġlieda kontra l-femminilizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Or. en

Emenda 358
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2d
	Integrazzjoni tal-miżuri tal-FSE fil-Pjanijiet SNR nazzjonali
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mar-rekwiżiti tat-Titolu III tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] b'mod partikolari l-Artikoli 22 u 24, il-miżuri biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-objettivi speċifiċi u l-punti ta' konċentrazzjoni tematiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu deskritti f'kapitolu ddedikat tal-Pjan SNR tagħhom.

Or. en

Emenda 359
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2e
	Rispett tal-Karta
	1. L-operazzjonijiet kollha għandhom jintgħażlu u jiġu implimentati b'rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ġenerali għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati li jindirizzaw ilmenti lill-Kummissjoni, inkluż fir-rigward tal-ksur tal-Karta.
	3. Fejn il-Kummissjoni ssib li kien hemm ksur tal-Karta, il-Kummissjoni għandha tqis il-gravità tal-ksur fid-determinazzjoni tal-miżuri korrettivi li għandhom jiġu applikati.

Or. en

Emenda 360
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2e
	Appoġġ għall-impjiegi taż-żgħażagħ
	L-appoġġ f'konformità mal-Artikolu 2c(4) għandu jiġi pprogrammat taħt prijorità ddedikata u għandu jinkludi mill-inqas appoġġ li jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), u jista' jinkludi appoġġ li jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (f) u

(m).

Or. en

Emenda 361
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2f
	Appoġġ għat-tfal
	L-appoġġ f'konformità mal-Artikolu 2c(3) għandu jiġi pprogrammat taħt prijorità ddedikata u għandu jinkludi mill-inqas appoġġ li jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (f), (k), (l) u (m) u jista' jinkludi appoġġ li jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punt (n).

Or. en

Emenda 362
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 2g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2g
	Appoġġ għal impjiegi ta' kwalità u għall-ħiliet
	L-appoġġ f'konformità mal-Artikolu 2c(6) għandu jiġi pprogrammat taħt prijorità ddedikata u għandu jinkludi mill-inqas appoġġ li jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punti

(a) - (c), (f), (g), (i) u (o).

Or. en

Emenda 363
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma ***li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE***, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali.	(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma ***tal-innovazzjoni soċjali u tal-esperimentazzjoni soċjali, inklużi azzjonijiet b'komponent soċjokulturali jew li jsaħħu l-approċċi minn isfel għal fuq abbażi ta' sħubijiet li jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, l-intrapriżi soċjali u s-soċjetà ċivili***, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali ***u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***.

Or. en

Emenda 364
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-	(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-

titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b’mod partikolari, is-sħab soċjali.	titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b’mod partikolari, ***il-gvernijiet lokali u reġjonali,*** is-sħab soċjali***, l-intrapriżi soċjali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili***.

Or. en

Emenda 365
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-FSE, b’mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b’mod partikolari, is-sħab soċjali.	(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-FSE, b’mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali ***u fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali***, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b’mod partikolari, is-sħab soċjali.

Or. pl

Emenda 366
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-FSE, b’mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu	(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-FSE, b’mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu

indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali.	indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali ***u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali***.

Or. en

Emenda 367
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali.	(1) L-innovazzjoni soċjali għandha tiġi appoġġata fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, b'mod partikolari bl-għan tal-ittestjar, l-evalwazzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż fil-livell lokali jew reġjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali fi sħubija mas-sħab rilevanti u, b'mod partikolari, is-sħab soċjali ***u r-reġjuni***.

Or. en

Emenda 368
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-iżvilupp ta' oqfsa ta' rikonoxximent tal-ħiliet sabiex jitnaqqsu l-ostakli għas-suq tax-xogħol għandu jiġi appoġġat bħala forma ta' innovazzjoni soċjali. Tali oqfsa ta' rikonoxximent tal-ħiliet għandhom jinxterdu sabiex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-mobbiltà tal-ħaddiema, speċjalment ta' ħaddiema li gawdew minn apprendiment informali jew mhux

formali, ħaddiema edukati jew imħarrġa b'mod vokazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 369
Gabriele Bischoff, Marit Maij, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri għandhom jappoġġaw azzjonijiet ta' innovazzjoni soċjali u esperimentazzjoni soċjali, inklużi azzjonijiet b'komponent soċjokulturali, jew isaħħu approċċi minn isfel għal fuq ibbażati fuq sħubijiet li jinvolvu l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, l-intrapriżi soċjali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 370
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Azzjonijiet u approċċi innovattivi jistgħu jiġu pprogrammati f'xi wieħed mill-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu (2a ta' dan ir-Regolament).

Or. en

Emenda 371

Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw iż-żieda ta' approċċi innovattivi ttestjati fuq skala żgħira u żviluppati taħt programmi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 372
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-innovazzjoni soċjali permezz ta' programmi ta' ġestjoni kondiviża.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' regolament tal-FSE dwar l-innovazzjoni soċjali għandhom jiddikjaraw b'mod ċar li huma l-Istati Membri li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-innovazzjoni soċjali. Il-formulazzjoni attwali tqajjem mistoqsijiet ta' interpretazzjoni.

Emenda 373
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1b) Kull Stat Membru għandu jiddedika mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal dawn il-prijoritajiet tista' tiġi miżjuda għal 95 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tar-riżorsi nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża.

Or. en

Emenda 374
Gabriele Bischoff, Marit Maij, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw it-titjib ta' approċċi innovattivi ttestjati fuq skala żgħira u żviluppati taħt il-fergħa tal-EaSI u programmi oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 375
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Azzjonijiet u approċċi innovattivi jistgħu jiġu pprogrammati taħt kwalunkwe wieħed mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2b ġdid.

Or. en

Emenda 376

Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-Istati Membri għandhom jiddedikaw mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 jew 2, jew tat-tnejn. Ir-rata ta' kofinanzjament massima għal tali prijoritajiet tista' tiġi miżjuda għal 95 % għall-allokazzjoni ta' massimu ta' 5 % tar-riżorsi nazzjonali taħt il-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża.

Or. en

Emenda 377
Gabriele Bischoff, Marit Maij, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-Istati Membri għandhom jiddedikaw mill-inqas prijorità waħda għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1a ġdid jew 1b ġdid)., jew tat-tnejn. Ir-rata ta' kofinanzjament massimu għal tali prijoritajiet tista' tiżdied għal 95 %.

Or. en

Emenda 378
Gabriele Bischoff, Marit Maij, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1d) L-Istati Membri għandhom jidentifikaw, fil-programmi tagħhom jew fi stadju aktar tard matul l-implimentazzjoni, l-oqsma għall-innovazzjoni soċjali u l-esperimentazzjoni soċjali li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 379
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-Istati Membri għandhom jidentifikaw, fil-programmi tagħhom jew fi stadju aktar tard matul l-implimentazzjoni, l-oqsma għall-innovazzjoni soċjali u l-esperimentazzjoni soċjali li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 380
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***tuża l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] biex*** tiffaċilita l-bini tal-kapaċità għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-apprendiment reċiproku, il-kooperazzjoni	2. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-bini tal-kapaċità għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-apprendiment reċiproku, il-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-istabbiliment ta' networks, u d-disseminazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki u metodoloġiji tajbin.

transnazzjonali, l-istabbiliment ta' networks, u d-disseminazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki u metodoloġiji tajbin.

Or. fr

Emenda 381
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Kummissjoni għandha tuża l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess***, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]*** biex tiffaċilita l-bini tal-kapaċità għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-apprendiment reċiproku, il-kooperazzjoni ***transnazzjonali***, l-istabbiliment ta' networks, u d-disseminazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki u metodoloġiji tajbin.	(2) Il-Kummissjoni għandha tuża l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess biex tiffaċilita l-bini tal-kapaċità għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-apprendiment reċiproku, il-kooperazzjoni ***tranżnazzjonali***, l-istabbiliment ta' networks, u d-disseminazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki u metodoloġiji tajbin.

Or. en

Emenda 382
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Miżuri relatati mar-residenza soċjali, it-tkabbir fl-impjiegi u l-appoġġ għar-rata tat-twelid
	1. Sabiex tiġi promossa l-koeżjoni soċjali

u territorjali, l-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jallokaw kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-kumpaniji li jżidu l-bażi tan-negozji tagħhom u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni jew ix-xiri ta' akkomodazzjoni għall-ħaddiema tas-settur privat u pubbliku, b'referenza partikolari għall-persunal tal-kura tas-saħħa, tat-tagħlim u tas-sigurtà.

2. Fl-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti u lill-koppji miżżewġa, jew lill-koppji li jiżżewġu sas-sena tal-allokazzjoni, dment li l-unità domestika jkollha l-ewwel wild fit-tliet snin ta' wara.

3. Sehem riżervat tal-fondi għandu jiġi allokat bħala prijorità għal interventi bbażati f'żoni reġjonali li jbatu minn depopolazzjoni severa, identifikati minn tnaqqis fil-popolazzjoni ta' aktar minn 10 % matul l-aħħar għaxar snin.

4. Għall-implimentazzjoni tal-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi, in-negozji u l-kooperattivi tal-abitanti, bħala mezz biex jikkomplementaw u jsaħħu l-azzjoni tal-kumpaniji pubbliċi fil-produzzjoni ta' akkomodazzjoni aċċessibbli, mingħajr ma jissostitwuhom.

5. L-akkomodazzjoni ffinanzjata hija soġġetta għal ipotekazzjoni għall-użu soċjali; l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-ħtiġijiet demografiċi u tal-impjieg u l-proċeduri għall-irtirar tal-kontribuzzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet kompetenti.

Or. it

Emenda 383

Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ ***għat-tranżizzjoni*** demografika	Appoġġ ***għall-indirizzar tat-tranżizzjoni*** demografika

Or. en

Emenda 384
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika***, b'referenza partikolari għat-tixjiħ attiv, it-trażmissjoni intergenerazzjonali tal-ħiliet, il-parteċipazzjoni u ż-żamma fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari tan-nisa, l-attrazzjoni tat-territorji u l-ġlieda kontra tad-depopolazzjoni, speċjalment fiż-żoni interni u rurali,*** f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. .

Or. it

Emenda 385
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. ***Tali approċċi jistgħu jinkludu miżuri mmirati li jappoġġaw l-impjiegi, l-edukazzjoni vokazzjonali, it-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol f'żoni rurali, muntanjużi, insulari, remoti u skarsament popolati affettwati minn tnaqqis demografiku jew minn depopolazzjoni.***
	Or. en

Emenda 386
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom***,*** ***fejn xieraq,*** jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. ***Dan l-approċċ għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' prijorità l-aktar milquta mit-tibdil demografiku, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-akkomodazzjoni, is-suq tax-xogħol u l-forniment ta' servizzi soċjali.***
	Or. pl

Emenda 387
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ***b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni doppja, l-adegwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà u l-iffaċilitar tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju"***.

Or. en

Emenda 388
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika ***f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali***.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika.

Or. en

Emenda 389
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn

xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika ***f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali***.	xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika ***fit-tfassil tal-programmi tagħhom***.

Or. fr

Emenda 390
David Casa

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika ***f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali***.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika***, inkluż permezz ta' miżuri li għandhom l-għan tas-solidarjetà interġenerazzjonali u l-inklużjoni***.

Or. en

Emenda 391
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Prinċipji orizzontali
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-miżuri fil-programm b'mod li jiżgura r-rispett għal: (a) il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; (b) id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta

tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru jiġu kkunsidrati u promossi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi kif ukoll għall-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, il-ġlieda kontra l-femminilizzazzjoni tal-faqar u l-prekarjetà tas-setturi femminilizzati u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-FSE.

4. Fl-implimentazzjoni tal-FSE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.

5. L-Artikoli 8 u 9 tar-[Regolament PSNR] għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-implimentazzjoni tal-FSE.

Or. en

Emenda 392
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Artikolu 5d
	Eliġibbiltà
	1. Il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża: (a) ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli u kif ukoll ta' infrastruttura; u (b) ix-xiri ta' għamara, tagħmir u vetturi, ħlief meta tali xiri jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-operazzjoni, jew dawk l-oġġetti jiġu deprezzati kompletament matul l-operazzjoni, jew ix-xiri ta' dawk l-oġġetti jkun l-aktar għażla ekonomika.
	2. Il-kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' allowances jew salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni jistgħu jkunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża dment li l-kontribuzzjonijiet in natura jiġġarrbu f'konformità mar-regoli nazzjonali, inkluż r-regoli tal-kontabbiltà, u ma jaqbżux il-kost imġarrab mill-parti terza.
	3. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika li jirċievu r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni ta' livell NUTS 2 li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea għandha tintuża biex tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

4. Il-kostijiet diretti tal-persunal għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni minn appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE taħt ġestjoni kondiviża jekk ikunu f'konformità mal-prattika normali ta' remunerazzjoni tal-benefiċjarju għall-kategorija ta' funzjoni kkonċernata jew f'konformità mad-dritt nazzjonali, mal-ftehimiet kollettivi jew mal-istatistika uffiċjali applikabbli.

5. Ma għandux jingħata appoġġ għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni jew esklużjoni, inklużi istituzzjonijiet u ambjenti oħra fejn il-persuni jiġu segregati mill-komunità.

Or. en

Emenda 393
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Artikolu 5a (ġdid), Appoġġ għall-inklużjoni soċjali
	L-Istati Membri għandhom jinvestu minimu ta' 25 % tal-finanzjament magħmul disponibbli għalihom għal azzjonijiet soċjali fuq it-titjib tal-inklużjoni soċjali ta' gruppi emarġinati. L-azzjonijiet għall-inklużjoni soċjali jistgħu jirreferu għal dawk fil-miżuri b'indikaturi fil-qafas tal-monitoraġġ u tal-prestazzjoni fl-oqsma ta':
	· Edukazzjoni inklużiva
	· Intervent fit-tfulija bikrija
	· Ħiliet u apprendiment għall-adulti
	· Titjib u tiġdid tal-ħiliet tal-komunitajiet

emarġinati

· Appoġġ għall-għajxien indipendenti u għall-inklużjoni fil-komunità għal persuni b'diżabbiltà u persuni anzjani

· Servizzi ta' appoġġ fil-komunità

· Appoġġ għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar

· Inklużjoni u integrazzjoni tal-migranti

· Ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, il-bniet u gruppi oħra f'riskju

· Titjib tal-aċċess għall-impjiegi fis-suq tax-xogħol miftuħ għall-gruppi emarġinati

Inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ

· Appoġġ dirett għall-introjtu lill-unitajiet domestiċi li jindirizza vulnerabbiltajiet speċifiċi

Or. en

Emenda 394
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Ciaran Mullooly, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta
	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jiżguraw tranżizzjoni ġusta f'oqsma li huma vulnerabbli b'mod partikolari għall-effetti negattivi tat-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Tali approċċ integrat jista' jinkludi impenn dwar finanzjament dedikat għal azzjonijiet eliġibbli taħt il-FSE u jista' jiġi inkluż f'kapitoli dedikati tal-Pjan

Nazzjonali Reġjonali u ta' Sħubija.

Or. en

Emenda 395
Brigitte van den Berg, Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn
	Ir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 2c(2) taħt l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punti (m) u (n), għandhom jiġu pprogrammati taħt prijorità ddedikata. Ir-rata ta' kofinanzjament għal dik il-prijorità għandha tkun ta' 90 %.

Or. en

Emenda 396
Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. it

Emenda 397
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ li jindirizza l-privazzjoni materjali	Appoġġ li jindirizza l-privazzjoni materjali ***u jeqred il-faqar***

Or. en

Emenda 398
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ li jindirizza l-privazzjoni materjali	Appoġġ li jindirizza l-privazzjoni materjali ***u jeqred il-faqar***

Or. en

Emenda 399
Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.	***imħassar***

Or. it

Emenda 400
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.	(1) L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur***, kif ukoll billi jiżguraw li jkun hemm servizzi pubbliċi universali ta' kwalità għolja, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-akkomodazzjoni u tal-kura tas-saħħa***.

Or. en

Emenda 401
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.	(1) L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur ***u/jew permezz ta' miżuri ta' akkumpanjament, bħal riferimenti għal servizzi kompetenti jew miżuri li jippromwovu l-integrazzjoni soċjali***.

Or. en

Emenda 402
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.	(1) L-Istati Membri ***għandhom jiddedikaw mill-inqas 10 % tal-allokazzjoni tal-FSE tagħhom biex*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.

Or. en

Emenda 403
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.	(1) L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.

Or. pl

Emenda 404
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti	(1) L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali permezz tad-distribuzzjoni ta' ikel u oġġetti li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni dwar is-

għall-konsumatur. sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur.

Or. en

Emenda 405
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-riżorsi msemmija biex jappoġġaw il-persuni l-aktar fil-bżonn għandhom jiġu pprogrammati taħt prijorità jew programm apposta. Ir-rata ta' kofinanzjament għal dik il-prijorità jew programm għandha tkun 90 %.

Or. en

Emenda 406
Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-għajnuna alimentari u/jew materjali bażika abbażi ta' kriterji oġġettivi relatati mal-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar fil-bżonn. Il-kriterji tal-għażla għall-ikel, u meta xieraq għall-oġġetti, għandhom iqisu wkoll aspetti relatati mal-klima u ambjentali, sabiex jiżguraw tranżizzjoni ekoloġika ekwa u ġusta, b'mod partikolari ħalli jonqsu l-ħela tal-ikel u l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Fejn xieraq, l-għażla tat-tip ta' ikel li jrid jitqassam għandha ssir wara li jitqies il-kontribut tagħhom għal dieta bilanċjata tal-persuni l-aktar fil-bżonn. L-	***imħassar***

ikel u/jew l-assistenza materjali bażika jistgħu jingħataw direttament lill-persuni l-aktar fil-bżonn jew indirettament, pereżempju, permezz ta' vawċers jew kards, f'forma elettronika jew f'forma oħra, dment li dawn ikunu jistgħu jissarrfu f'ikel u/jew assistenza materjali bażika. L-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe benefiċċju soċjali li jista' jingħata mis-sistemi soċjali nazzjonali jew f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. it

Emenda 407
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-għajnuna alimentari u/jew materjali bażika abbażi ta' kriterji oġġettivi relatati mal-ħtiġijiet ***tal-persuni l-aktar fil-bżonn. Il-kriterji tal-għażla għall-ikel, u meta xieraq għall-oġġetti, għandhom iqisu wkoll aspetti relatati mal-klima u ambjentali, sabiex jiżguraw tranżizzjoni ekoloġika ekwa u ġusta, b'mod partikolari ħalli jonqsu l-ħela tal-ikel u l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Fejn xieraq, l-għażla tat-tip ta' ikel li jrid jitqassam għandha ssir wara li jitqies il-kontribut tagħhom għal dieta bilanċjata*** tal-persuni l-aktar fil-bżonn. L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika jistgħu jingħataw direttament lill-persuni l-aktar fil-bżonn jew indirettament, pereżempju, permezz ta' vawċers jew kards, f'forma elettronika jew f'forma oħra, dment li dawn ikunu jistgħu jissarrfu f'ikel u/jew assistenza materjali bażika. L-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe	2. L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-għajnuna alimentari u/jew materjali bażika abbażi ta' kriterji oġġettivi relatati mal-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar fil-bżonn. L-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika jistgħu jingħataw direttament lill-persuni l-aktar fil-bżonn jew indirettament, pereżempju, permezz ta' vawċers jew kards, f'forma elettronika jew f'forma oħra, dment li dawn ikunu jistgħu jissarrfu f'ikel u/jew assistenza materjali bażika. L-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe benefiċċju soċjali li jista' jingħata mis-sistemi soċjali nazzjonali jew f'konformità mad-dritt nazzjonali.

benefiċċju soċjali li jista' jingħata mis-sistemi soċjali nazzjonali jew f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. fr

Emenda 408
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
